**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 129/2020**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Hubert Cini)**

**-Vs-**

**CARMELO CALLEJA**

**Illum, 28 ta' Lulju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **CARMELO CALLEJA** ta' 61 sena, iben Giusto u Vincenza neé Mangion, residenti 16, DAJNA, Misrah il- Bjar, iż-Żejtun, detentur tal-karta tal-identità numru 200558M imwieled Pieta' nhar il-08 ta' Marzu 1958, akkużat talli nhar it-03 u 04 ta' Frar 2020 u kif ukoll fil-jiem ta' qabel dawn id-dati f'Malta u fil-Gżejjer Maltin:-

Nhar it-3 u 4 ta' Frar 2020 u kif ukoll fil-jiem ta' qabel dawn id-dati, f'Malta u fil-Gżejjer Maltin:-

1. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li ser jagħmel xi reat u ċioe' kontra Carmena k/a Charmaine Calleja u Melissa Grech, kif ukoll bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna u ċioe' Carmena k/a Charmaine Calleja u Melissa Grech kif ukoll għamilt użu ieħor mhux xieraq bih.

2. Fl-istess dati, ħin, postijiet u ċirkostanzi għamel lil Carmena k/a Charmaine Calleja u Melissa Grech inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi.

3. Fl-istess dati, ħin, postijiet u ċirkostanzi Persuna li mingħajr awtorizzazzjoni użat *computer* jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-*computer* jew f'xi *computer* ieħor, jew juża, jikkopja jew jimmodifika kull *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew ipprevjena jew ostakola d-dħul għal xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew ipprevjevjena jew ostakola l-funzjonament jew ttħaddima' xi sistema ta' *computer, software* jew l-integrità jew affidabilità ta' xi data kif ukoll fixkel jew interrompa l-funzjonament ta' sistema tal-informatika, billi daħħal *data* fil-c*omputer,* billi ittrassmetta, għamel ħsara, ħassar, iddeterjora, biddel jew żamm lura *data* bħal din jew billi irrendejagħha inaċċessibbli kif ukoll uża l-kodiċi ta' dħul, *password,* isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna ohra f'*ċomputer* jew b'xi mod kiser kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex takkwista aċċess mingħajr

awtoriżżazzjoni għas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha kif ukoll installa, neħħa, biddel, għamel ħsara, hassar, iddeterjora, rażżan, qerred, varja jew żid ma' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew irrendi data din inaċċessibbli.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali fit-13 ta' Marzu 2020 sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet lill-Uffiċjali Prosekutur jaqra u jikkonferma l-akkużi bil-ġurament;

Semgħet lill-imputat waqt l-ezami iwiegeb li mhux ħati;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, ippreżentata fis-seduta tad-9 ta' Ġunju 2022 u rat ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża ppreżentata fit-30 ta' Ġunju 2022;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Carmena sive Charmaine Calleja** xehdet illi għall-ħabta tal-bidu ta' Frar 2020 hija sabet li ma kellhiex aċċess għall-Facebook mit-telefon ċellulari tagħha. L-għada fil-għodu s-sieħba tagħha Melissa Grech qaltilha li kienet qed tirċievi messaġġi minn fuq il-kont fuq Facebook tagħha iżda dak il-ħin hija ma kienetx qiegħda *online* għaliex ma kellhiex aċċess għall-Facebook. Carmena Calleja sostniet li dawn il-messaġġi ma setgħetx bagħtithom hi għaliex filwaqt li kellha aċċess għal *messenger*, ma kellha l-ebda aċċess għall-kont tagħha fuq Facebook iżda fl-istess waqt, dan il-kont kien attiv

u kienu qed jittellgħu messaġġi bħallikieku kienet hi li kienet qed tibgħathom. Hi rrapportat b'dan kollu lis-Cybercrime Unit anke għaliex il-persuna li daħlet fil-kont tagħha fuq Facebook kien qed jibgħat messaġġi ta' theddid fuq dan il-profil fejn inqtal li ser jagħmlilhom bomba u joqtolhom u jidfinhom fil-ħofra li kien diġa' lesta. Ittellgħu wkoll messaġġi ta' tgħajjir bil-mard kif ukoll ritratti ta' xjaten, skeletri, wirdien u persuni sfigurati. Dawn il-messaġġi ppersistew sal-għada u intant, Carmena Calleja u s-sieħba tagħha kienu qegħdin flimkien iwieġbu fuq il-profil li minnu kienu qed jittellgħu dawn il-messaġġi, lill-persuna li kienet qed itellagħhom.

Carmena Calleja xehdet ukoll li oriġinarjament, il-kont tagħha fuq Facebook kien inħoloq minn bin l-imputat, Joseph Calleja, fiż-żmien meta huma kienu jgħixu flimkien fl-istess residenza u b'hekk sija l-imputat u kif ukoll ibnu kienu jafu l-kodiċi ta' dħul għal dan il-profil. Ikkonfermat li meta kienet tgħix mal-imputat u ibnu bħala familja, dan il-kont ma kienux jidħlu fih persuni estraneji u li hija baqgħet tuża dan il-kont anke wara li ma baqgħetx tgħix iktar f'dik ir-residenza. Għalkemm wara li telqet, dan il-kont intuża minn ħaddieħor f'tliet okkażjonijiet, hija baqgħet qatt ma bidlet il-password ta' dan il-kont u baqgħet tuża l-istess wieħed. Carmena Calleja kompliet tispjega fix-xhieda tagħha illi ġaladarba hija telqet mid-dar tal-imputat u qatt ma tatu fastidju, stenniet li huwa jagħmel l-istess u jħalliha tgħix ħajjitha. Filwaqt li kkonfermat ukoll li mhux l-ewwel darba li l-imputat u ibnu kienu jidħlu f'dak il-kont tagħha u jużawh fiż-żmien meta kienet għadha tgħix magħhom, insistiet li l-kont kien tagħha u mhux tal-familja għaliex kien il-kont tal-Facebook tal-mobile personali tagħha.

**Melissa Grech** xehdet li għall-ħabta ta' Frar 2020, hi u s-sieħba tagħha Charmaine Calleja indunaw li xi ħadd kien għamel *log-out* mill-kont fuq Facebook ta' Charmaine. Hi ppruvat iddaħħal il-password iżda dan kien mibdul u ma setgħetx tidħol bl-istess password. L-għada minn fuq ix-xogħol hija rat li Charmaine kienet *online* fuq Facebook u ċemplitilha biex tara jekk kienx irnexxielha tidħol fil-kont, iżda Charmaine qaltilha li ma rnexxilhiex tidħol. Għalhekk hi ppruvat iċċempel lill-persuna li kienet *online* fuq *messenger* iżda beda jaqtagħlha. Hija għalhekk bagħtet

messaġġ fuq dak il-kont u l-persuna weġbitha bit-tgħajjir u kliem baxx u hi bdiet twieġeb għall-bidu bħallikieku ma kienetx taf li ma kienetx Charmaine li kienet qed tibgħatilha. Madanakollu, il-persuna kompliet toffendiha u tgħajjarha bil-mard u theddid fosthom "*ommok fekruna"*, *"issa mhux xebgħa imma trab"*, *"intajrek b'bomba"*, *ħudu ħsieb għax bumm*", "*tinqasam qalbek b'attakk"*, *"żewg xjaten*". Intbagħtu wkoll ritratti ta' xjaten u ta' persuni b'ħalq mgħawweġ u skont ix-xhud, dan għaliex Charmaine kien taha stroke ftit qabel.

**PS 1396 Sergio Farrugia** li rċieva r-rapport ta' Charmaine Calleja u Melissa Grech, xehed illi huwa bagħat ir-rapport lis-Cyber Crime Unit. Meta, in segwitu, ġie infurmat li l-kont tal-Facebook ta' Carmena Calleja kien qed jiġi użat mill-IP address tagħha u ta' persuna li toqgħod fil-fond Dajna House, 16, Misraħ il-Bjar, Zejtun, huwa bagħat għall-imputat Carmelo Calleja fl-4 ta' Frar 2020 biex imur ikellmu l-Għassa tal-Pulizija dwar ir-rapport li għamlu Carmena Calleja u Melissa Grech u niżżel *inter alia* il-verżjoni li rrilaxxa l-istess Carmelo Calleja fil-*Current Incident Report* esesbit fl-atti minnu stess[1].

**PC441 Dorianne Gatt** stazzjonata Cyber Crime Unit, esebiet bil-ġurament tagħha rapport kompilat minnha (Dok. X1) in konnessjoni ma' dak li ġie rapportat lilha fl-4 ta' Frar 2020 minn Carmela Calleja. Xehdet li Carmela Calleja kienet irrapportat li ma kellhiex aċċess iktar għall-kont tagħha fuq Facebook għaliex il-password tagħha kienet ġiet mibdula u dan wara li ġiet infurmata mis-sieħba tagħha Melissa Grech li bdiet tirċievi insulti mill-kont tal-Facebook tagħha stess. Ix-xhud bagħtet għalihom u talbet lil Melissa Grech tidħol fil-kont tagħha fuq Facebook fejn ittieħdet kopja tal-konversazzjoni ossia *chat* minn fuq Facebook u l-link minn fejn bdew jintbagħtu l-messaġġi. Bagħtet ukoll talba lil Facebook[2] biex jingħata tagħrif dwar l-IP address li kien qed jintuża fit-3 ta' Frar 2020 u fl-4 ta' Frar 2020 biex jinkiseb aċċess għall-kont

[1] Dok. SF1, fol. 85 sa 88.

[2] Ara fol. 111, parti mir-rapport Dok. X1.

tal-Facebook ta' Carmena Calleja https://www/facebook.com/charmaine.calleja.56 [3]. Mill-informazzjoni li rċeviet mingħand Facebook[4], irriżulta li l-*IP addresses* li minnhom inkiseb aċċess għal dan il-kont fid-data msemmija, kienu kollha reġistrati mas-soċjeta' Go plc.  Da parti tagħha, fuq talba li ntbagħtilha mill-Pulizija, is-soċjeta' Go plc ikkonfermat li l-*IP addresses* 46.11.12.144 u 195.158.65.198 li kienu jgħajjtu lil Carmelo Calleja detentur tal-karta tal-identita' 020558M bl-indirizza Daina House, 16, Misraħ il-Bjar, Zejtun, filwaqt li l-IP address 85.232.222.237 li kien assenjat lil Carmena Calleja, detentriċi tal-karta tal-identita' 0206175M, li toqgħod Flat 198, Triq il-Gdida, Ħal Luqa.

**Joseph Calleja**, ix-xhud in difesa, bin l-imputat Carmelo Calleja xehed illi hu flimkien ma' missieru u Charmaine Calleja kienu jgħixu flimkien bħala familja fiż-żmien meta Charmaine u missieru kienu f'relazzjoni għal ċirka tmien snin. Ikkonferma li l-email address callejachar@gmail.com kif ukoll il-kont tal-Facebook ta' Charmaine Calleja kien waqqafhom huwa stess madwar sitt snin qabel, fiż-żmien meta kienu lkoll jgħixu flimkien bħala familja u dan għaliex ħadd ma kien jaf kif għandu jagħmel biex joħloq dan il-kont.  Meta ħalaqhom kien kiteb il-username u l-password fuq it-telephone directory li kien jinżamm f'post fejn kulħadd kellu aċċess għalih[5], ċioe hu, Charmaine u missieru.  Joseph Calleja xehed ukoll li filwaqt li kienet Charmaine li kienet tuża dan il-kont, kulħadd seta' jużah u ġie li kien jużah ukoll missieru għaliex dak iż-żmien huwa ma kellux Facebook account.  Iżda wara li Charmaine ma baqgħetx tgħix magħhom, il-kont baqa' miftuħ u baqgħet tagħmel użu minnu hi.  Joseph Calleja kkonferma wkoll li hu għandu kont fuq Facebook personali tiegħu u qatt ma pprova jidħol fil-kont li kien ħoloq għal Charmaine għaliex qatt ma kellu bżonn jagħmel użu minnu.

---

[3] Mir-rapport Dok. X1 jirriżulta li dan il-kont kien abbinat mal-indirizz tal-posta elettronika callejachar@gmail.com .

[4] Ara "Facebook Business Record", fol. 112 sa 116.

[5] Dok. JCX.

Minn ezami tal-*Current Incident Report* esebit bil-ġurament ta' PS 1396[6] jirriżulta illi Carmelo Calleja, wara li kkonsulta mal-avukat tiegħu, irrilaxxa s-segwenti stqarrija lill-Pulizija fl-4 ta' Frar 2020: "*Jiena ma naf xejn fuq xiex qed tgħidli, il-facebook tiegħi ġieli ninsa l-password u ma nkunx nista' nidħol u jkolli problema biex nerġa' nidħol fih. Bħalissa għandi problema u qiegħed taħt il-kura tat-tobba għaliex qiegħed ninsa u ser nagħmel cityscan* (*recte.* CT scan)." Mir-rapport jirriżulta wkoll li meta Carmelo Calleja ġie mistoqsi rigward l-internet tad-dar, min kien jużah, huwa stqarr hekk : "*l-internet tad-dar tiegħi nużah jiena u t-tifel* ***u l-bieraħ it-tifel ma kienx id-dar għaliex kellu xi privat***." (emfasi miżjud)

L-imputat għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri.

Ikkunsidrat;

Id-dispożizzjonijiet legali tas-Subtitolu V tat-Titolu IX[7] tal-Kodiċi Kriminali (Artikoli 337B sa 337H), li jittrattaw l-"*użu mhux dovut tal-computer*", huma maħsuba biex jikkriminalizzaw dħul mhux awtorizzat f'sistemi ta' *computer*.

Blackstone[8] jgħid hekk dwar l-elementi essenzjali tar-reat analogu ta' "*unauthorised access offence (hacking)*" fl-ewwel artikolu tal-Computer Misuse Act (UK) 1990:-

*"The actus reus of the offence requires the accused to 'cause a computer to perform any function'. This is meant to exclude mere physical contact with a computer and the scrutiny of data without any interaction with a computer (thus the reading of confidential computer output, the reading of data displayed on the screen, or 'computer eavesdropping', are not covered). On the other hand there is no requirement that the accused should succeed in obtaining access to the program or*

---

[6] Ix-xhud ikkonferma li kien hu li rrediġa dan ir-rapport u kkonferma l-kontenut tiegħu kollu.
[7] Taqsima II, l-Ewwel Ktieb.

[8] Blackstone's Criminal Practice, 2012 Ed. The Right Honourable Lord Justice Hooper David Ormerod. B17.2, p. 905.

*data, or be successful in subverting computer security measures in place. A remote hacker would, thus, 'cause a computer to perform any function' if he accessed it remotely and the computer responded, for example, by activating a computer security device or by offering a log-on menu. The substantive offence is thus drafted in such a way as to include conduct which might usually be thought to fall within the scope of the law of attempt". ... The words 'any computer' in s. 1(1)(a) entail that the offence is not restricted to a case where the accused uses one computer to gain unauthorised access to the target computer. Direct access to the target computer is also covered (see A-G's Ref (No. 1 of 1991) [1993] QB 94 and Bow Street Metropolitan Stipendiary Magistrate, ex parte Government of the United States [2000] 1 Cr App R 61, per Lord Hobhouse at p. 72).*

...

*The access to the program or data which the accused intends to secure must be 'unauthorised' access (s. 1(1)(b)).*

...

*There are two limbs to the mens rea of the offence. The first limb is the 'intent to secure access to any program or data held in any computer'. The word 'any' makes it clear that the intent need not relate to the computer which the accused is at that time operating. The Computer Misuse Act 1990, s. 1(2), explains that the intent of the accused need not be directed at any particular program or data, so as to include the hacker who accesses a computer without any clear idea of what he will find there. Recklessness is insufficient; still less would careless or inattentive accessing of the computer suffice for liability. The second limb is that the accused must know at the time when he causes the computer to perform the function that the access which he intends to secure is unauthorised. The prosecution must prove both limbs.*"

Minn eżami tar-reati ta' użu mhux dovut ta' kompjuter taħt l-Artikolu 337Ċ u 337D tal-Kodiċi Kriminali, huwa minnufih evidenti li effettivament, il-qofol tal-kondotta kriminuża li hija punibbli jinsab fin-nuqqas ta' awtorizzazzjoni mill-persuna intitolata, tal-użu, aċċess u l-attijiet l-oħrajn li huma l-elementi materjali tar-reati elenkati fil-paragrafi (a) sa (l) tal-imsemmi Artikolu 337Ċ(1). In materja, Blackstone huwa tal-

fehma illi l-**awtorizzazzjoni tal-aċċess għal skop partikolari li huwa leġittimu, ma għandhiex titqies bħala awtorizzazzjoni wkoll biex jinkiseb aċċess għal data oħra f'liema każ, is-soġġett attiv ikun eċċeda l-limiti tal-awtorizzazzjoni mogħtija u jkun ħati tar-reat ta' *computer misuse***[9]. Mill-perspettiva l-oħra iżda, l-użu ħażin ta' data miksuba b'riżultat ta' aċċess leġittimament miksub, ma jaqax fl-iskop tar-reati tal-użu mhux dovut ta' *computer* għalkemm dan jista' jikkostitwixxi ksur taħt liġijiet oħrajn, fosthom il-liġi dwar il-protezzjoni u privatezza tad-data[10].

Fir-rigward, għandu jiġi osservat ukoll li d-definizzjoni ta' *computer* għall-fini tar-reat ta' użu mhux dovut ta' *computer,* tħaddan fiha mhux biss *hardware* iżda wkoll *software* u faċilitajiet ta' komunikazzjoni li huma konnessi jew relatati ma' *computer* f'sistema ta' *computer* jew *computer network.* Dan ifisser illi l-użu mhux dovut ta' *software* ta' komunikazzjoni u *computer data*, jiffigura bħala *actus reus* tar-reat taħt l-Artikolu 337Ċ tal-Kap. 9.

Wara li qieset il-provi, il-Qorti hi sodisfatta li l-kont fuq Facebook https://www/facebook.com/charmaine.calleja.56, għad illi inħoloq minn bin l-imputat Joseph Calleja fiż-żmien meta l-imputat u l-kwerelanti kienu f'relazzjoni u kienu jgħixu kollha flimkien, kien il-kont personali ta' Charmaine Calleja u dan irrispettivament mill-fatt li l-user name u l-kodiċi ta' dħul għal dan il-kont kienu disponibbli ukoll għall-imputat u għal ibnu. Huwa eskluż li dan il-kont kien jappartjeni jew jintuża minn bin l-imputat, għaliex Joseph Calleja nnifsu xehed li kien ħoloq kont tiegħu personali u qatt ma uża l-kont ta' Charmaine Calleja. Il-fatt li l-imputat f'xi okkażjoni waqt ir-relazzjoni li kellu ma' Charmaine Calleja, għamel użu minn dan il-kont "*għaliex dak iż-żmien huwa ma kellux Facebook account*", ma jibdel xejn mill-fatt li l-kont inħoloq għall-użu ta' Charmaine Calleja. Kemm hu hekk, Joseph Calleja kkonferma wkoll illi wara li l-kwerelanti ma baqgħetx tgħix magħhom, il-kont baqa' miftuħ u baqgħet tagħmel użu minnu hi biss.

---

[9] Blackstone: *"... authorising a person's access for one (legitimate) purpose ought not to be regarded as authorising his access for another (non-legitimate) purpose..."* -B17.5, p. 906.
[10] Kap. 586.

Għall-Qorti dan kollu jfisser li **Charmaine Calleja hija l-"persuna intitolata" għall-fini tal-Artikolu 337Ċ(2) tal-Kap. 9 għaliex hija l-persuna li jirriżulta li għandha jedd tikkontrolla l-attivitajiet konnessi mal-kont tal-Facebook in kwistjoni**. Tqis ukoll illi l-fatt li l-imputat jew ibnu setgħu użaw u jew kellhom aċċess għall-kont tal-kwerelanti fuq Facebook fiż-żmien fejn il-kwerelanti u l-imputat kienu f'relazzjoni u kienu jgħixu flimkien, **ma jfissirx li huma jew xi ħadd minnhom kien għad kellu awtorizzazzjoni biex ikompli jaċċedi u juża dan il-kont wara li ntemmet ir-relazzjoni u l-kwerelanti telqet mir-residenza tiegħu**. Fil-fehma tal-Qorti, l-aċċessibbilita' jew id-disponibbilita' tal-kodiċi tad-dħul m'humiex kriterji determinanti tal-awtorizzazzjoni meħtieġa għall-fini tar-reati taħt l-Artikolu 337Ċ tal-Kap. 9.

Stabbilit li l-kont in diżamina huwa l-kont personali tal-istess Charmaine Calleja u ta' ħadd iktar, il-Qorti tqis illi huwa immaterjali l-fatt li Charmaine Calleja baqgħet ma ħolqotx password jew *user name* differenti wara t-terminazzjoni tar-relazzjoni tagħha mal-imputat u b'daqshekk ma jfissirx li hija awtorizzat lill-persuni li kienu jafu l-istess password, biex jużaw dan il-kont. Kif rajna, Joseph Calleja ikkonferma illi missieru kien uża dan il-kont "*dak iż-żmien*" - b'referenza ċara għaż-żmien meta kien f'relazzjoni ma' Charmaine Calleja u għaż-żmien meta ma kellux Facebook account[11]. Kien ċar ukoll meta fix-xhieda tiegħu qal illi wara li ntemmet din ir-relazzjoni hu ma baqax juża dan il-kont u "*baqgħet qisha tagħmel użu minnu hi*", b'referenza għall-istess Charmaine Calleja.

Il-paragrafu (a) tal-Artikolu 337Ċ(2) tal-Kap. 9 jiffaċilita l-prova tan-nuqqas ta' awtorizzazzjoni meta jipprovdi li persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, ma jirriżultax li l-persuna li bagħtet il-messaġġi mill-profil ta' Charmaine Calleja fuq Facebook, kien awtorizzat li jagħmel dan: għall-kuntrarju,

[11] Xhieda ta' Joseph Calleja, fol. 142.

Charmaine Calleja eskludiet kategorikament li hija awtorizzat lil xi ħadd jagħmel użu minn dan il-kont, tant li rrapportat dan l-użu mhux awtorizzat lill-Pulizija minnufih.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti wara li semgħet ix-xhieda ta' Charmaine Calleja u Melissa Grech u wara li kkunsidrat il-provi l-oħra li ressqet il-Prosekuzzjoni, hija konvinta li kien terza persuna li kiseb aċċess għal u daħal fil-profil fuq Facebook ta' Charmaine Calleja bejn it-3 ta' Frar 2020 u l-4 ta' Frar 2020. Effettivament, huwa eskluż mix-xhieda ta' Charmaine Calleja u Melissa Grech li l-messaġġi immarkati bl-abjad fuq Dok. CC1[12], li minn qari tagħhom jidher li kienu indirizzati proprju lil Melissa Grech, ittellgħu minn xi waħda minn dawn iż-żewġ persuni. Jirriżulta wkoll illi mill-provi li fost atti oħrajn, biex kisbet dan l-aċċess mhux awtorizzat fid-data tal-kwerelanti, din it-terza persuna injota **għamlet użu mis-*software* u data ta' Charmaine Calleja mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-istess kwerelanti bħala l-persuna intitolata**. Għaldaqstant, huwa ppruvat it-twettiq tal-att maħsub taħt il-paragrafu (a) tal-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kap. 9.

Stabbilit dan, jeħtieġ issa li jiġi stabbilit jekk il-Prosekuzzjoni ressqitx provi fil-grad meħtieġ għas-sejbien ta' ħtija fil-kamp kriminali, li dawn ir-reati ġew kommessi minn ħadd iktar ħlief l-imputat. Għalhekk, irid jiġi stabbilit li kien l-imputat li b'xi mod uża mezz ta' dħul biex kiseb l-aċċess mhux awtorizzat għas-sistema tal-informatika tal-kwerelanti u illi kien hu wkoll li mingħajr awtorizzazzjoni, uża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex jidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer u għamel l-atti l-oħra li jirriżultaw mill-provi.

Ikkunsidrat;

[12] Ara wkoll Dok. MG1 u rapport Dok. X1, fol. 112 sa 116.

Biex jiġi stabbilit min kienet il-persuna li effettivament kiseb aċċess mhux awtorizzat għall-kont tal-kwerelanti fuq Facebook u użat dan il-kont biex jintbagħtu l-messaġġi li ġew esebiti fl-atti, skambjati bejn din il-persuna injota u Melissa Grech, il-Qorti ħadet qies ta' diversi fatturi, fosthom il-fatt illi l-persuna li bagħtet dawn il-messaġġi kienet taf lill-kwerelanti u lis-sieħba tagħha personalment. In-natura u s-suġġett tal-messaġġi li ttellgħu fuq il-kont ta' Charmaine Calleja juru li l-persuna li kien qed juża dan l-kont ta' Charmaine Calleja kien jaf lill-koppja personalment u kien qiegħed jindirizza proprju lil Melissa Grech bħala l-mara tal-istess Charmaine Calleja: dan qed jingħad għaliex saret referenza speċifika għall-fatt li Charmaine Calleja kien taha stroke kif ukoll referenza għar-relazzjoni personali bejniethom. "*Fik u f'martek*"[13]; "*Lanqas b'ommok ma tista iddur għax dik il-ħadra martek ma tridekx, trid lil missierek jieħu ħsiebha, alla iga ħallasha u se ikompli iħallasa!*; "*Alxejn tahomlha it 3 strokes u infekxins lil martek alla*"[14] u "*... il-maħbuba martek*"[15].

Ħadet in konsiderazzjoni l-fatt illi mill-provi jirriżulta li l-uniċi persuni li jidher li kienu jafu il-kodiċi tad-dħul u l-isem tal-utent tal-kont tal-kwerelanti fuq Facebook, kienu l-imputat u ibnu Joseph Calleja. L-imputat eskluda fl-istqarrija tiegħu li kien ibnu li kien uża dan il-kont, kif del resto ġie affermat minn Joseph Calleja nnifsu fix-xhieda tiegħu u għalhekk, bi proċess ta' eliminazzjoni ftit li xejn jifdal dubju dwar min, minn dawk il-persuni li kienu jafu l-user name u kodiċi ta' dħul marbutin ma' dan il-kont u kwindi kellhom aċċess għalih u kienu jafu lill-kwerelanti u lil Melissa Grech personalment, effettivament kiseb aċċċess u uża dan il-kont fit-3 u l-4 ta' Frar 2020.

Fir-rigward, il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll prova konsistenti fid-dokument intestat Facebook Business Record[16] li fih id-data u l-ħin u l-IP address tal-*login sessions* li

---

[13] Fol. 57.

[14] Fol. 59.

[15] Fol. 60.

[16] Fol. 112 *et sequitur*. WPC 411 Dorianne Gatt ikkonfermat li għamlet talba lil Facebook biex tipprovdi l-informazzjoni rikjesta dwar id-data u l-ħin tal-*login sessions* li saru fuq il-profil tal-Facebook

saru fil-profil https://www.facebook.com/charmaine.calleja.56 għall-perijodu 1 ta' Frar 2020 sal-4 ta' Frar 2020. Minn eżami ta' dan id-dokument, sostanzjat bix-xhieda ta' PC 411 Dorianne Gatt, jirriżulta illi bejn it-3 ta' Frar 2020 u l-4 ta' Frar 2020 – iż-żewġ dati li fihom jirriżulta li ntbagħtu l-messaġġi in diżamina mill-profil ta' Charmaine Calleja mingħajr il-konoxxenza u awtorizzazzjoni tagħha – inkiseb aċċess għall-imsemmi profil ta' Facebook permezz ta' tliet *IP addresses* partikolari lkoll reġistrati ma' Go plc: tnejn minnhom reġistrati f'isem l-imputat innifsu, Carmelo Calleja bil-karta tal-identita' numru 0200558M fl-indirizz Daina House, 16, Misraħ il-Bjar, Zejtun, u l-ieħor reġistrat f'isem Carmena Calleja nnifisha fir-residenza Flat Nru 1, 98, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa[17].

Kif inhuwa risaput, IP address huwa indirizz diġitali uniku li jiġi assenjat mill-*internet service provider* lill-apparat tal-abbonat li jkollu *internet connection*, u dan sabiex l-apparat ikun aċċessibbli għall-internet. Dan l-indirizz jipprovdi wkoll il-*geolocation data* li huwa meħtieġ biex titwassal id-data relevanti lil dak l-apparat. **Għalhekk, fin-nuqqas ta' xi prova kuntrarja fl-atti li ż-żewġ *IP addresses* 46.11.12.144 u 195.158.65.198 intużaw minn xi ħaddieħor li mhux mill-persuna li f'isimha jinsabu reġistrati l-istess indirizzi, il-Qorti, ma tistax ħlief leġittimament tislet minn dan, presunzjoni ta' fatt li kien effettivament l-imputat Carmelo Calleja u ħadd iktar li kiseb aċċess għall-profil tal-Facebook tal-kwerelanti fit-3 ta' Frar 2020 u fl-4 ta' Frar 2020 biex minnu bagħat il-messaġġi lil Melissa Grech**.

**Ma ntweriex li jeżisti xi ness ieħor – għajr l-imputat - mal-messaġġi li nbagħtu fuq il-profil fuq Facebook ta' Charmaine Calleja. Magħdud dan il-fatt li l-imputat meta ġie interrogat, stqarr li l-internet tad-dar tiegħu jużawh biss hu u ibnu filwaqt li eskluda li fit-3 ta' Frar 2020 seta' użah it-tifel għaliex ma kienx id-dar.**

---

https://www.facebook.com/charmaine.calleja.56 u kkonfermat ukoll li r-risposta bit-tagħrif relattiv (fol. 112 sa 116) intbagħtet direttament lilha personalment minn Facebook.

[17] Ir-reġistrazzjoni ta' l-IP address 46.11.12.144 u l-IP address 195.158.65.198 f'isem l-imputat u l-IP address 85.232.222.237 f'isem Carmena Calleja ġiet konfermata minn Dr. Anthony Bonnici in rappreżentanza tal-internet service provider Go plc.

Il-Qorti, fil-ġabra ta' dawn il-provi indizzjarji kollha li jippontaw b'mod univoku lejn l-imputat u lill-imputat biss, tqis li ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli u hija moralment konvinta li kien l-imputat Carmelo Calleja u ħadd iktar, il-persuna li kiseb aċċess b'xi mezz ta' dħul fis-sistema tal-informatika tal-kwerelanti u software tagħha u wettaq l-użu mhux awtorizzat tal-profil ta' Carmena Calleja fuq Facebook.

Fir-rigward ikun opportun li ssir referenza għat-tifsira moghtija minnn Lord Denning fil-kaz 'Miller vs Minister of Pension' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt*':

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice*."

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat huwa mixli wkoll li kkommetta l-atti deskritti fil-paragrafi (d), (e) u (ee) tal-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kap. 9. Dawn l-atti, li huma sanzjonati mil-liġi f'każ li jiġi ppruvat li jkunu twettqu mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-persuna intitolata, huma s-segwenti:-

(d) tipprevjeni jew tostakola d-dħul għal xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ;
(e) tipprevjeni jew tostakola l-funzjonament jew t-tħaddim ta' xi sistema ta' computer, software jew l-integrità jew affidabilità ta' xi data;

(ee) tfixkel jew tinterrompi l-funzjonament ta' sistema tal-informatika, billi tiddaħħal data fil-computer, billi tittrassmetti, tagħmel ħsara, tħassar, tiddeterjora, tibdel jew iżżomm lura data bħal din jew billi tirrendiha inaċċessibbli.

Fir-rigward, Charmaine Calleja fissret fid-depożizzjoni tagħha li meta saret taf li fuq Facebook kien hemm xi ħadd *online* f'isimha u ppruvat tidħol fil-kont tagħha, ma setgħetx tidħol f'dan il-kont. Sostniet ukoll li l-persuna li kisbet aċċess mhux awtorizzat fil-kont tagħha fuq Facebook, immodifika l-password eżistenti bil-konsegwenza li hija ma setgħetx tibdel dan il-password biex twaqqaf l-aċċess u l-użu li kien qed isir fuq il-profil reġistrat f'isimha. Mill-provi jirriżulta wkoll li Carmena Calleja marret minnufih tirrapporta lill-Pulizija dan l-użu ħażin mill-kont tagħha fuq Facebook. Dan hu affermat minn PS 1396 li rċieva r-rapport li għamlet Carmena Calleja u bagħtu lill-Unit ta' Cyber Crime fejn da parti tagħha, PC 411 Dorianne Gatt ikkonfermat li ntbagħatu żewġ *requests* lil Facebook biex jingħataw fost oħrajn in-numri tat-telefon u *IP addresses* assoċjati mal-profil ta' Charmaine Calleja fuq Facebook fil-perijodu bejn 1 ta' Frar 2020 u 4 ta' Frar 2020. It-tieni talba saret meta l-Pulizija reġgħet ġiet infurmata l-għada, 4 ta' Frar 2020, li Carmena Calleja u Melissa Grech bdew jirċievu theddid fuq ħajjithom minn fuq l-istess profil fuq Facebook.

Minn dan hu stabbilit illi l-aċċess tal-imputata għall-kont tagħha fuq Facebook. Carmena Calleja kien ostakolat b'mod li hija ma setgħetx tidħol f'dan il-kont biex twaqqaf l-użu mhux awtorizzat li kien qed isir mill-profil tagħha, tant illi kellha tirkorri għand il-Pulizija biex tirrapporta dan l-użu mhux awtorizzat u biex dan jitwaqqaf. Il-Qorti ma taqbilx li għall-ħtija tar-reati taħt il-paragrafi (d), (e) u (ee) tal-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kap. 9 hi meħtieġa l-prova tal-password li attwalment intuża biex jinkiseb aċċess għall-kont tal-kwerelanti u jew il-prova tal-password li seta' inħoloq biex jissostitwixxi l-password li nbidel mingħajr awtorizzazzjoni tal-persuna intitolata. Wara kollox, il-vittma ta' reat bħal dan qajla jista' jiġi mistenni li ssir taf il-kodiċi ta' dħul li ntuża biex jostakola d-dħul fid-data jew software tagħha.

Fil-każ li għandha quddiemha, il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ressqet provi sodisfaċjenti biex inisslu konvinċiment lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li xi ħadd kien effettivament ostakola l-aċċess u dħul ta' Charmaine Calleja fil-profil tal-Facebook tagħha stess. Huwa minnu li m'hemmx prova tal-password li kienet tuża Charmaine Calleja biex tidħol f'dan il-profil fuq Facebook u lanqas dokument jew prova oħra li tissostanzja l-allegazzjoni tagħha li effettivament sar *password reset* tal-kont tagħha fuq Facebook iżda kif rajna, dawn il-provi m'humiex meħtieġa *sine qua non* għall-prova tal-ostakolar tad-data jew ostakolar tal-funzjonament jew tħaddim tas-software u l-integrita' jew affidabbilita' ta' xi data. Din hija kwistjoni ta' fatt li tirriżulta mill-provi u f'dan il-każ jeżistu provi diretti inkontestati, konsistenti fix-xhieda ta' Charmaine Calleja li hija ma setgħetx tidħol fil-kont tagħha minħabba l-użu mhux awtorizzat li kien qed tagħmel minnu persuna oħra injota u ma kellha l-ebda aċċess għal dan il-kont fit-3 ta' Frar 2020 u fl-4 ta' Frar 2020. Xhieda li hija korroborata minn Melissa Grech li xehdet ppruvat ukoll hi stess iddaħħal il-password ta' Carmena Calleja biex tidħol fil-kont iżda l-password kien mibdul u ma setgħetx tikseb aċċess għall-kont.

Il-Qorti, abbażi tax-xhieda ta' Carmena Calleja u Melissa Grech, kif ukoll tal-provi l-oħra li ressqet il-Prokseuzzjoni, hija konvinta moralment li bit-teżi tal-Prosekuzzjoni li l-aċċess ta' Charmaine Calleja fid-data tagħha kien ostakolat u illi l-funzjonament jew tħaddim tal-profil tagħha fuq Facebook (is-software in kwistjoni), kien ostakolat jew reż inaċċessibbli.

Iżda mhux l-istess jgħodd għar-reat taħt il-paragrafu (ee) tal-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kap. 9: il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova li l-imputat fixkel jew interrompa l-funzjonament ta' apparat li jipproċessa data tal-computer jew data maħżuna fuq computer.

Ikkunsidrat;

L-imputat huwa mixli wkoll bir-reat taħt l-Artikolu 337Ċ(1)(i) tal-Kap. 9 li jipprovdi li hija ħatja ta' reat persuna li mingħajr awtorizzazzjoni- tuża l-kodiċi ta' dħul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'*computer* jew b'xi mod tikser kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex takkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha.

Mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni jirriżulta inkonfutabbilment l-element tal-aċċess da parti tal-imputat fis-sistema tal-informatika tal-kwerelanti, ossia l-profil tagħha tal-Facebook, permezz tal-użu mhux awtorizzat ta' xi mezz ta' dħul f'din is-sistema tal-informatika, fosthom l-isem tal-utent u jew il-password li kif stabbilit, kellu aċċess għalihom l-istess imputat.

Kif diġa' stabbilit, il-Qorti temmen il-verżjoni ta' Carmena Calleja li xi ħadd daħal fil-profil tagħha fuq Facebook bl-użu ta' kodiċi ta' dħul jew isem ta' utent u temmen li dan l-aċċess minn terza persuna – li kif stabbilit huwa l-imputat - sar mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha.

Kif rajna diġa', il-paragrafu (a) tal-Artikolu 337Ċ(2) tal-Kap. 9 jipprovdi li persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata u f'dan il-każ hu evidenti li Charmaine Calleja, bħala l-persuna intitolata għall-kontroll tal-aċċess għas-sistema tal-informatika u data konsistenti fil-profil https://www.facebook.com/charmaine.calleja.56, ma awtorizzatx l-użu tal-profil tagħha tant illi kienet impedita milli tidħol f'dan il-kont u tikseb aċċess lil din is-sistema ta' informatika.

Il-fatt illi l-imputat kien fil-pussess leġittimu tal-password u l-isem tal-utent tal-kont ta' Carmena Calleja ma jfissirx li l-użu li għamel minnhom kien leġittimu għaliex kif stabbilit, dan il-kont kien il-kont personali tal-kwerelanti. Jekk l-imputat kien awtorizzat juża dan il-kont, dan kien biss għar-raġuni li kien f'relazzjoni mal-kwerelanti u għaliex kif xehed ibnu, ma kellux kont tal-Facebook tiegħu dak iż-żmien

u għalhekk ma setax jassumi li din l-awtorizzazzjoni biex ikollu aċċess u juża l-kont tagħha kienet għadha tgħodd wara t-terminazzjoni tar-relazzjoni bejniethom. Kif ingħad, huwa proprju dan l-użu mhux awtorizzat li jikkostitwixxi l-element materjali tar-reati taħt l-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kap. 9.

F'kull każ, fir-rigward issib riskontru wkoll il-presunzjoni maħsuba fl-Artikolu 337F(6) tal-Kap. 9 li jipprovdi:-

*(6) Il-prosekuzzjoni ma tkunx meħtieġa li ġġib provi biex twaqqa' l-effett ta' xi awtorizzazzjoni meħtieġa taħt dan is-Subtitolu u l-oneru li tinġieb prova dwar awtorizzazzjoni bħal dik ikun jinkombi fuq il-persuna li tkun qed tallega li għandha dik l-awtorizzazzjoni: Iżda dan l-oneru ma għandux jitqies bħala li jkun tneħħa biss bix-xiehda mhux korroborata tal-persuna akkużata.*

L-imputat ma għamel xejn biex iwaqqa' l-effett ta' din il-presunzjoni u, bħalma kellu kull dritt jagħmel, la xehed u lanqas ressaq xhieda biex tiġi negata l-prova li rnexxielha tressaq il-Prosekuzzjoni illi l-aċċess għad-data u sistema tal-informatika kontrollata mill-kwerelanti **fil-perijodu ta' żmien indikat fiċ-Ċitazzjoni**, inkiseb mingħajr awtorizzazzjoni b'xi mezz ta' dħul.

Ikkunsidrat;

L-imputat fl-ewwel imputazzjoni huwa mixli li wettaq ir-reat taħt l-Artikolu 49 tal-Kap. 399. Dan jipprovdi li huwa ħati ta' reat:-

*Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika –*
*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*
*(b) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew*

*(ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih.*

*Iżda sempliċi kliem malafamanti jew dikjarazzjonijiet imlissna jew ippubblikati fuq network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew apparat u li jkunu jistgħu jagħtu lok għal azzjoni għal malafama jewinġurja skont l-Att dwar il-Midja u l-Malafama m'għandhomx jagħtulok għal reat taħt dan l-Att.*

M'hemmx dubju f'dan il-każ li l-imputat intenzjonalment uża network ta' komunikazzjoni elettronika kif imfisser fl-Artikolu 2 tal-Kap. 399, biex permezz tal-pjattaforma ta' midja soċjali Facebook, speċifikatament il-profil ta' Carmena Calleja fuq Facebook, għamel użu mhux xieraq bl-istess fis-sens illi ripetutament tella' posts b'bosta kliem vulgari u inġurjuz dwar l-eks sieħba tiegħu Carmena Calleja u l-kwerelanti l-oħra Melissa Grech, kliem li tant huma diżgustanti li mhux il-każ li jiġu riprodotti f'din is-sentenza.

Huwa assodat illum fil-ġurisprudenza in materja illi l-frażi "*użu iehor mhux xieraq*" ma jfissirx kwalunkwe użu jew kull offiża, insult jew kelma żejda, iżda għandha tiġi interpretata b'mod ferm aktar strett biex tirreferi b'mod ewlieni għal theddid, estorsjoni u attivitajiet illeċiti. U tassew fil-każ in diżamina, jirriżulta wkoll li lil hinn mill-kliem vulgari u insulti, l-imputat hedded liż-żewġ kwerelanti li jagħmel reat u dan meta heddidhom li jagħmlilhom bomba ("*xeba intajrek b'kollox*"; "*bomba itajjarkom kollox*"; "*ħudu ħsieb għax bumm*"; "*għal ġol-ħofra*"). Iżda ma nġabitx prova li l-imputat meta hedded u inġurja lill-kwerelanti, għamel hekk bl-intenzjoni li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, għall-fini tal-paragrafu (b) tal-Artikolu 49. Għaldaqstant, sejra tinstab ħtija biss taħt il-paragrafi (a) u (ċ) tal-istess Artikolu 49 tal-Kap. 399.

Dawn il-konsiderazzjonijiet isibu riskontru ugwalment għall-fini tar-reat kontravvenzjonali addebitat fit-tieni imputazzjoni taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9 stante illi kif diġa' stabbilit, l-imputat hedded u inġurja liż-żewġ kwerelanti

ripetutament permezz tal-messaġġi li ttella' fuq il-profil ta' Carmena Calleja fuq Facebook fit-3 ta' Frar 2020 u fl-4 ta' Frar 2020.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena, il-Qorti filwaqt li ħadet qies tal-fedina penali netta tal-imputat, ma tistax twarrab il-gravita' tal-użu ħażin li għamel l-imputat tad-data ta' Charmaine Calleja għaliex evidentement, l-użu ħażin u l-atti l-oħra li dwarhom qed tinstab ħtija taħt l-Artikolu 337Ċ(1) tal-Kap. 9, twettqu biex issir ħsara gravi liż-żewġ kwerelanti permezz ta' theddid ta' bomba (fost inġurji u insulti u kliem vulgari u baxx). Aġir bħal dan m'huwa qatt ġustifikabbli taħt l-ebda ċirkostanza, lanqas bħala rejazzjoni jew espressjoni ta' emozzjonijiet ta' rabja jew dwejjaq li ta' sikwit jixprunaw minn terminazzjoni akrominjuża ta' relazzjoni.

**Għal dawn il-motivi, qiegħda ssib lil CARMELO CALLEJA ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih, abbażi tal-Artikoli 337Ċ(1)(a)(d)(e)(i)(2), 337F(1) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(a)(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li rat ukoll l-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tikkundannah multa ta' tlett elef Euro (€3,000).**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**